# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Marzu 2002

Citazzjoni numru 2576/00 AJM

Kawza numru

Citadel Insurance p.l.c. surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Paul Pullicino ta' T.P.C. Autoparts sija bil-polza u sija bil-ligi

Vs

Paul Galea

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-7 ta' Dicembru 2000 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fil-11 ta' Gunju 1999 fi Triq San Bastjan, Qormi waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza numru GAD 852 habat mal-karozza numru TAX 189 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurat u assikurata taht polza "comprehensive" mas-socjeta' attrici; illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da part i tal-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi in

vista tal-imsemmija polza s-socjeta' attrici ghamlet tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut b'konsegwenza tal-istess incident; illi d-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici b'konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghall-elfejn, mitejn tmienja u tmenin lira u tlieta u tletin centezimu (LM2288.33) kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-konvenut ghalkemm mitlub biex jaddivjeni ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqa' inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta' attrici;
2. tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' LM2288.33 fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru 1999 u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-26 ta' Frar 2001 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tigi respinta billi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta' Paul Pullicino assikurat tas-socjeta' attrici.
2. It-tieni talba ghandha tigi michuda billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' attrici.
3. It-tielet talba ukoll ghandha tigi michuda billi l-konvenut ma ghandux jigi kundannat jhallas danni lill-attur.

Rat iddikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-7 ta' Mejju 2001 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-8 ta' Ottubru 2001 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-8 ta' Frar 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-incident mertu ta' din il-kawza sehh gewwa Triq San Bastjan, Hal Qormi ghal habta tad-9.30 p.m.. Involuti kien hemm zewg vetturi sejrin fl-istess direzzjoni, u cioe lejn il-Marsa. Il-konvenut, li kien jsuq il-vettura Peugeot 205 GAD 852, kien jinsab fuq quddiem mixi bil-mod bl-intenzjoni li jdur fuq il-lemin biex jidhol gewwa Triq l-Armier. L-attur

kien gej minn warajh jsuq il-vettura Peugeot 405 numru TAX 189 u dan ittanta jaghmel sorpass fil-mument li ta' quddiemu kien qed jdur u b'hekk saret il-habta.

Waqt il-gbir tal-provi irrizultaw diversi verzjonijiet differenti dwar cirkostanzi ta' certa rilevanza ghall-kwistjoni tad-determinazzjoni tar-responsabbilita' ghall-akkadut. Infatti l-assikurat ta' l-attur jghid li ma kienx hemm karozzi pparkjati fuq ix-xellug tat-triq u b'hekk il-konvenut kien qed jsuq max-xellug estrem, mentri l-konvenut xhed li fil-hin tal-habta kien hemm karozzi pparkjati fuq ix-xellug tieghu u hu kien mixi l-barra minnhom. Terga l-assikurat ta' l-attur jsostni li l-konvenut ma xeghelx indicator mentri l-konvenut jghid li huwa xeghel l-indicator tal-lemin minn cirka distanza ta' 25 metru qabel ma gie biex jdur. Il-konvenut jallega speed fil-vettura ta' l-assikurat ta' l-attur mentri dan jsemmi speed ta' bejn 20/25 minghajr ma jindika jekk dawn kienux kilometri jew mili. Fl-ahharnett ma hemmx qbil dwar jekk il-vettura tal-assikurat tal-attur hallitx brake marks mal-art. Infatti ghalkemm l-assikurat ta' l-attur jammetti li l-vettura tieghu halliet xi haga zghira marki mal-art - mhux aktar minn hames pidi, kuntrarjament ghal dak li jidher fil-"Bumper to bumper" report iffirmat miz-zewg sewwieqa, l-konvenut isostni li l-vettura tal-assikurat ta' l-attur halliet brake marks twal cirka 25 metru u li l-linji impingija fir-rapport fuq imsemmi ma kienux qedin biss jindikaw direzzjoni tal-vettura tal-assikurat ta' l-attur, izda jindikaw dawn il-brake marks.

Mill-assjem tal-provi prodotti, minghajr ma jittiehdu in konsiderazzjoni cirkostanzi li dwarhom ma hemmx qbil b'mod assolut, din il-Qorti hija tal-fehma li l-incident fuq imsemmi sehh tort taz-zewg sewwieqa. Infatti l-assikurat ta' l-attur naqas billi fl-ewwel lok ittanta sorpass fil-vicinanzi ta' "*road junction*" u inoltre ittanta jaghmel hekk minghajr ma ta'

indikazzjoni lill-utenti l-ohra tat-triq (ossia l-konvenut) li kien ser jaghmel sorpass. (Vide klawsoli 73 u 74(ii) tal-Highway Code.) Da parti tal-konvenut jirrizulta ukoll nuqqas billi ghalkemm jirrizulta li dan kien konxju tal-vettura tal-assikurat ta' l-attur li kienet warajh, u anke jidher li induna li din kienet mixja b'certa speed, ittanta jikser fuq il-lemin ghal go Armier Road, meta l-vettura ta' warajh kienet tinsab distanza relattivament qasira lura minnu.

Ir-regoli tas-sewqan qedin hemm biex jigu rispettati u kemm-il darba dawn jigi segwiti skrupolozament tigi mwarba kull possibilita' ta' incident awtomobilistiku. Meta dan jsehh il-Qorti tigi adita sabiex tiddetermina min mis-sewwieqa kien responsabbli jew, jekk ikun il-kaz, tapporzjona r-responsabbilita' fuq il-persuni nvoluti. Fir-rigward ta' incident simili ghal dak in ezami, cioe meta issehh habta waqt sorpass bil-karozza ta' quddiem qed tbiddel id-direzzjoni, insibu decizjonijiet konfliggenti izda dan ma jgrix billi d-diversi gudikanti ma jaqblux fuq il-principji li ghandhom jigu applikati, izda pjuttost minhabba li jkun hemm cirkostanzi relevanti li jvarjaw minn kaz ghal iehor. Ir-regoli enuncjati aktar-l fuq u cioe dawk li jirrizultaw fil-Highway Code, ghandhom applikazzjoni generali, izda kull tant jirrizulta li bniedem ma harisx fil-mera jew jekk hares ma ghamilx il-kalkoli korrettament. Jista' ukoll jirrizulta li wiehed jew l-iehor ma indikawx l-intenzjoni taghhom 'e cosi via dicendo'. Fil-kaz inezami, minhabba li hemm cahda minn parti jew minn ohra ta' certa cirkostanzi din il-Qorti ssiba difficli li tapporzjona r-responsabbilita' jekk mhux nofs bin-nofs. U hekk sejra taghmel.

Dwar id-danni reklamati ma jidhirx li hemm kontestazzjoni da parti tal-konvenut u effettivament jirrizulta li l-ammont reklamat fic-citazzjoni kien sborzat mis-socjeta' attrici fil-konfront ta' l-assikurat taghha kif

jidher mir-ricevuta/subrogation form a fol 22 tal-process. Inoltre jirrizulta li s-socjeta' attrici inkorriet somma addizzjonali fl-ammont LM20 sabiex jsiru s-survey reports fuq iz-zewg vetturi. Ghalhekk l-ammont ta' LM2288.33 qed jigi akkordat.

Fl-ahharnett jigi rilevat li l-kwistjoni tal-ammissjoni sollevata mill-konvenut ma tistax tigi kunsidrata minn din il-Qorti billi fl-ewwel lok ma hemm ebda eccezzjoni f'dan is-sens. Fit-tieni lok jidher li l-ammissjoni saret mis-socjeta' attrici, li immedjatament irtirata, meta l-istess socjeta' kienet ghadha ma gietx surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi tiddikjara li l-incident li sehh fil-11 ta' Gunju 1999 gara tort kemm ta' l-assikurat ta' l-attur kemm tal-konvenut fi kwoti ugwali; tillikwida d-danni attrici fis-somma komplessiva ta' elfejn mitejn u tmienja u tmenin lira tlieta u tlettin centezimu (LM2288.33) u konsegwentment tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija erbgha u erbghin lira maltin sittax-il centezimu (LM1144.16) bl-imghax legali mil-lum.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-kontendenti.

Onor Imhallef Albert J. Magri